MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2015

Numru. 287/2015

**Il-Pulizija**

**(Spt. Robert Vella)**

**vs**

**Mikaeil Ahmed Abdulkarim Hamad**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Mikaeil Ahmed Abdulkarim Hamad**

detentur tal-passaport Libjan bin-numru 336334;

Akkuzat talli nhar il-11 ta' Marzu, 2015 gewwa dawn il-Gzejjer:-

1. B'qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra is-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 110(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, iddenunzjajt lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella b'qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna/i mhux maghrufa, akkuza lil dik il-persuna/i quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kien taf li dik il-persuna/i hija innocenti, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 101 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-avukat generali skond l-artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta sabiex il-kawza kotra l-imputat tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja;

Rat in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat kif registrat fis-seduta tal-lum sabiex tkun adoperata l-istess procedura;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 110(1), (2) u 101 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat;

Tenut kont tal-ammissjoni bikrija tal-imputat il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal-terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2) mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkometti rejat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sentejn (2) mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------